# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

## IT-TIELET SENA STUDJI SOĊJALI (*OPTION*) ĦIN: Siegħa u nofs

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

**Taqsima A:**

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Kull forma ta' ***razziżmu*** twassal għal ***inġustizzji*** kbar u krudili. Il-firxa tad-***demokrazija*** u d-***drittijiet umani*** għenu ħafna fil-ġlieda kontra r-razziżmu. ***Iċ-ċittadini*** kollha tal-pajjiżi demokratiċi, hi x'inhi r-razza tagħhom, suppost li jgawdu l-istess drittijiet.

Il-ġlieda kontra r-razziżmu mhix biss ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin. Meta ċ-ċittadini ta' razez differenti ġo l-istess pajjiż ma jimxux sewwa ma' xulxin, ikun hemm l-inkwiet.

1. X'tifhem bil-kliem miktub korsiv?

   Razziżmu
   Inġustizzji
   Demokrazija
   Drittijiet umani
   Ċittadini (5)

2. Għaliex jeżisti r-razziżmu? (3)

3. "Kull forma ta' razziżmu twassal għal inġustizzji kbar u krudili". Agħti tliet eżempji ta' inġustizzji li n-nies ibatu minnhom minħabba r-razziżmu. (3)

4. Agħti eżempju ta' xi pajjiż fejn minħabba r-razziżmu kien hemm l-inkwiet? Għid x'ġara. (5)

5. Semmi persuna li ħadmet kontra r-razziżmu. (2)

6. X'tista' tagħmel biex tegħleb din l-inġustizzja? Agħti eżempju wieħed. (2)

**(20 marka)**

**Taqsima B:** Agħti d-differenza bejn:

1) Valuri Ċiviċi u Normi ta' Mġiba
2) Soċjetà u Komunità
3) Gvern u Kunsill Lokali
4) Benefiċċji soċjali u Servizzi soċjali
5) Politika soċjali u Konflitt soċjali

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ:** Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn 80 kelma dwar wieħed minn dawn:

1. Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.
2. Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
3. Il-W.H.O. – World Health Organization.

**(10 marki)**

**Taqsima D:** Agħti t-tifsira ta' dawn il-kelmiet f'mhux inqas minn 30 kelma kull waħda.

1) Xogħol volontarju
2) Monopolju
3) Saħħa Pubblika
4) Ekonomija Globali
5) Konsumatur
6) Solidarjetà
7) *Trade Union*
8) Koperattiva
9) Ordni Soċjali
10) *Employment and Training Corporation*

**(10 x 3 = 30 marka)**

**Taqsima E:** Agħżel **wieħed** minn dawn u ikteb fit-tul (madwar 250 kelma).

1. Ikkumenta fuq it-tliet setturi ta' l-ekonomija.

2. Liema huma l-karatteristiċi ewlenin li jsawru l-kultura Maltija?

3. " Il-*mass media* huwa għodda qawwija fis-soċjetà li tista' tintuża kemm għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin." Iddiskuti r-rwol tal-*mass media* fis-soċjetà.

**(20 marka)**